MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 116/2006

Carmel u Helen konjuġi Grech .

Vs

Charles Cordina .

Il-Qorti,
Rat ir-rikors ġuramentat illi permezz tiegħu Carmel u Helen konjuġi Grech wara li ppremettew :

1. Illi permezz ta' skrittura tad-dsatax (19) ta' Lulju elfejn u ħamsa (2005), l-intimat iddikjara ruħu veru, likwidu u ċert debitur fil-konfront tar-rikorrenti Carmel u Helen konjuġi Grech fl-ammont ta' erbgħa u tletin elf ħames mija u tmienja u erbgħin lira Maltija (Lm34,548) liema ammont kellu jitħallas kwantu għal sbatax-il elf mitejn u erbgħa u sebgħin lira Maltija (Lm17,274) sat-tletin (30) ta' Ottubru elfejn u ħamsa (2005) u kwantu għar-rimanenti sbatax-il elf mitejn u erbgħa u sebgħin lira

Maltija (Lm17,274) sa l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Diċembru elfejn u ħamsa (2005) .

2. Illi l-intimat, għalkemm ġie nterpellat diversi drabi għall-ħlasijiet fuq imsemmija, huwa baqaħ inadempjenti .

3. Illi dan l-ammont hu ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimat ma għandu ebda eċċezzjonijiet x'jossolleva kontra l-pagament ta' l-istes .

4. Illi għaldaqstant għal dawn il-proċeduri huwa applikabbli d-dispożizzjonijiet għad-dispensa tas-smiegħ tal-kawża a tenur ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili .

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti,

1. Taqta' u tiddeċidi l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ;

2. Tiddikjara lill-intimat debitur fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' erbgħa u tletin elf ħames mija u tmienja u erbgħin lira Maltija (Lm34,548) flimkien ma' l-imgħax bl-ogħla rata skond il-liġi fuq l-ammont ta' sbatax-il elf mitejn u erbgħa u sebgħin lira maltija (Lm17,274) b'effett mit-tletin (30) ta' Ottubru elfejn u ħamsa (2005) sal-pagament effettiv u bl-istess rata ta' imgħax fuq ir-rimanenti sbatax-il elf mitejn u erbgħa u sebgħin lira Maltija (Lm17,274) b'effett mill-erbgħa u għoxrin (24) ta' Diċembru elfejn u ħamsa (2005) .

3. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimat iħallashom l-imsemmija ammont ta' erbgħa u tletin elf ħames mija u tmienja u erbgħin lira Maltija (Lm34,548) flimkien ma' l-imgħax bl-ogħla rata skond il-liġi fuq l-ammont ta' sbatax-il elf mitejn u erbgħa u sebgħin lira Maltija (Lm17,274) b'effett mit-tletin (30) ta' Ottubru elfejn u ħamsa (2005) sal-pagament effettiv u bl-istess imgħax fuq ir-rimanenti sbatax-il elf mitejn u erbgħa u sebgħin lira

maltija (Lm17,274) b'effett mill-erbgħa u għoxrin (24) ta' Diċembru elfejn u ħamsa (2005) .

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali spedita fi Frar ta' l-elfejn u sitta (2006) .

L-intimat huwa mħarrek għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġi nġunt .
Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess rikors, u ċioe' bħala dokument A, affidavit ta' Carmel Grech, kif ukoll kopja ta' l-iskrittura in kwistjoni, preżentata seduta stante mir-rikorrenti .
Rat ukoll in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut preżentata wkoll fis-seduta tal-lum, li permezz tagħha ammetta t-talba kif dedotta.

Rat ukoll il-verbal magħmul mid-difensur tal-atturi, li permezz tiegħu huma kkonċedew żmien sena lill-konvenut għal ħlas .

Il-Qorti għal hekk, u in vista ta' din l-ammissjoni, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, tiddikjara lill-intimat debitur fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' erbgħa u tletin elf, ħames mija tmienja u erbgħin lira maltija (Lm34,548), flimkien ma' l-imgħax bl-ogħla rata skond il-liġi fuq l-ammont ta' sbatax-il elf mitejn u erbgħa u sebgħin lira maltija (Lm17,274) b'effett mit-tletin ta' Ottubru, elfejn u ħamsa (2005), sal-pagament effettiv; u bl-istess rata ta' imgħax fuq ir-rimanenti sbatax-il elf mitejn u erbgħa u sebgħin (Lm17,274) b'effett mill-erbgħa u għoxrin ta' Diċembru, elfejn u ħamsa (2005) .

Konsegwentement, tikkundanna lill-istess intimat, iħallas lir-rikorrenti, konjuġi Grech l-imsemmija ammont ta' erbgħa u tletin elf, ħames mija tmienja u erbgħin lira maltija (Lm34,548) flimkien ma' l-imgħax bl-għola rata skond il-liġi fuq l-ammont ta' sbatax-il elf, mitejn erbgħa u sebgħin lira maltija (Lm17,274), b'effett mit-tletin ta' Ottubru, 2005, sal-pagament effettiv, u bl-istess imgħax fuq ir-rimanenti sbatax-il elf mitejn erbgħa u sebgħin lira maltija (Lm17,274) b'effett mill-erbgħa u għoxrin ta' Diċembru elfejn u ħamsa (2005) .

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali spedita fi Frar ta' l-elfejn u sitta (2006), kollox kontra l-konvenut Cordina .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------